# L-Isqof Salvatore Gaffiero l-Ewwel Arċipret tal-Floriana (1828 - 1906)

*Kitba tal-Kanonku Joseph Grech Cremona*

Salvatore Gaffiero twieled fl-Isla fit-8 ta' Marzu 1828 u sa minn qabel sar saċerdot kien Kanonku tal-Kolleġġjata ta' dik il-Belt. Wara li ġie ordnat qassis, sewwa sew nhar l-20 ta' Diċembru 1851, serva bħala Prepostu jiġifieri Superjur tal-knisja ta' Porto Salvo, magħrufa bħala ta' San Filippu ġewwa l-Isla mill-1855 sal-1865. Mill-1866 sal-1868, insibuh Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Għargħur u wara, fl-1868, laħaq kappillan tal-Floriana. Sewwa sew sena wara, fl-1869, sar l-ewwel Arċipriet tagħna peress li l-knisja saret Arċipretali. Baqa' Arċipriet sal-1876 meta laħaq Kanonku tal-Katidral ta' Malta. Fl-1885, l-Isqof Kapuċċin Monsinjur Anton Buhagiar, Amministratur Appostoliku tad-Djoċesi ta' Malta,



*Kwadru li jinsab fis-sagristija*

Ħatru Vigarju Ġenerali u s-sena wara, fl-1886, il-Papa Leone XIII għamlu Prelat Domestiku. Għat-talba tal-Arċisqof Pietru Pace, l-istess Papa ħatru Isqof Titulari ta' Selymbria u Awżiljarju tal-Isqof ta' Malta. Huwa ġie kkonsagrat bħala Isqof mill-Arċisqof Pace fil-15 ta' Jannar 1899.

L-Isqof Gaffiero miet fl-età ta' 78ena fit-8 ta' Diċembru 1906 u jinsab midfun fil-Katidral ta' Malta.

CMP
THE BEST PAINTS IN THE WORLD
Tel: 21 492803 - 21 443052
Mob: 7934 3352 - 9949 2669

SPHINX
PASTIZZERIJA
FURJANA
TEL: 2122 7879
George tal-Pizza